# *Bidu ġdid għal Chambray*

## *Joseph Scicluna*

Forsi ftit jafu li Ġużepp Cutajar kien kok fil-kċina ta' Chambray jaħdem taħt chef Ingliż. Jew li Maria Cordina li kienet tgħin lin-nisa tal-fizzjali Ingliżi jieħdu ħsieb it-trabi tagħhom kienu minn Għajnsielem. Hafna minn dawk li ħadmu fuq il-bini tal-fortifikazzjonijiet ta' Chambray mal-255 sena ilu kienu minn Għajnsielem. Dawk li assistew lill-infermiera fl-isptar tas-suldati Ingliżi waqt il-gwerra tal-Krimea tal-1855, kienu minn Għajnsielem ukoll. Lanqas irridu ninsew li biex ikunu jistgħu jlaħħqu mal-midrubin li kienu qed jintbagħtu f'Chambray fil-bidu tal-Gwerra l-Kbira, madwar elfejn fil-ġimgħa, l-Ingliżi talbu lill-poplu t'Għajnsielem biex jagħti l-għajnuna, u l-Għajnselmiżi kienu pronti u għenu kif setgħu. Kull familja f'Għajnsielem għandha lista twila ta' antenati li ħadmu f'Chambray. Fil-fatt, fl-aqwa tiegħu, Chambray kien jipprovdi xogħolijiet iżjed mill-baħar għan-nies t'Għajnsielem.



Matul iż-żminijiet, l-Għajnselmiżi żviluppaw relazzjoni speċjali mas-suldati Ingliżi li kienu jkunu stazzjonati f'Chambray. Spiss, dawn is-suldati kienu joħorġu mill-fortizza u jaqsmu minn Ta' Passi biex jiġu jieħdu tazza nbid minn għand tat-Tikka jew xi taverna oħra fir-raħal. L-istess kienu jagħmlu iż-żgħażagħ Għajnselmiżi. Dawn kienu jmorru jaraw is-suldati fuq xogħolhom jew waqt il-ħin tar-rikreazzjoni, fejn ġeneralment kienu jsibuhom jilgħabu fil-foss ta' ħdejn il-pont l-logħba tal-futbol li kienet għada ġdida għall-gżiritna. Hbiberiji iffurmaw u l-attrazzjoni tan-nies ta' Għajnsielem lejn is-suldati Ingliżi kompliet dejjem tikber. Hafna kienu jkunu l-qlub maqsuma x'ħin dawn is-suldati kienu jirċievu ordni biex jitilqu minn Chambray u jiġu stazzjonati f'parti oħra tal-Imperu Brittaniku. Maż-żminijiet Chambray sar għall-poplu ta' Għajnsielem dak il-post li għal perjodi twal ipprovda ħafna għar-raħal tagħna, kemm għall-ekonomija, kif ukoll esperjenzi memorabli għall-Għajnselmiżi, biex imbagħad jispiċċa kollox ħesrem. Minn fortizza mimlija ħajja u attivita' sfrenata, Chambray kien jispiċċa battal u magħluq, bejn gwerra u oħra. Ma kien hemm xejn li r-raħal seta' jagħmel, il-ħajja kienet tkompli u n-nies kienu jsibu impjieg x'imkien ieħor.

Sfortunatament, l-istorja riċenti tal-Fortizza tant għal qalbna ġagħlitna ninsew dawn il-ġrajjiet u fatti li tant għandhom jagħmluna kburin. In-nies tar-raħal spiċċaw jippruvaw ma jħarsux jew ma jaħsbux biex ma jweġġgħux. Fil-fatt iddejjaqna inwaħħlu f'xulxin u naraw ta' min kien it-tort li Chambray l-ewwel ġie sfigurat u desakrat, imbagħad mitluq għal bosta snin. Issa mingħajr ħadd ma jgħid xejn ir-rabja u l-frustrazzjoni tas-snin tmenin u disgħin qegħda ftit ftit tinbidel f'tama li xi darba din il-Fortizza terġa' tkun integrata lura fir-raħal. Għajnsielem jerġa' jkun kburi b'dak li jkun qed jigri ġo Chambray. In-nies tar-raħal jerġgħu jibdew isibu impjieg fil-qrib. Inkunu nistgħu mmorru passiġġata sa Chambray u ngawdu l-isbaħ veduta f'pajjiżna, dik li tant hi għal qalbna.

Le, mhumiex reġgħin ġejjin l-Ingliżi!

Din it-tama ġejja mill-fatt li fl-aħħar il-Forti Chambray qiegħed f'idejn nies li qed jippruvaw isalvaw li jistgħu mill-ħerba li sabu. Fil-fatt fl-2004 l-avukat Dr. Michael Caruana u l-familja tiegħu xtraw il-Forti Chambray mingħand il-Gvern ta' Malta u mingħand azzjonisti oħrajn. Dawn immedjatament bdew ix-xogħol biex l-istrutturi li sabu jitlestew u jittranġaw biex ikunu jistgħu jinbiegħu. Ix-xogħol mexa ġmielu u d-differenza tidher. Dr. Caruana li twieled fir-Rabat, Għawdex fit-23 ta' Mejju 1958, attenda De La Salle College, fil-Kottonera, Malta. Hu studja l-liġi fl-Universita` ta' Malta u gradwa fl-1986. Kien il-President tal-Gozo Chamber of Commerce għal erba' snin bejn 2003 u 2007. Dr. Caruana ilu President tal-Leone Band Club u tal-Leone Philharmonic Society mill-1988.

Jien kelli x-xorti li niltaqa ma' Dr. Caruana fl-uffiċċju tiegħu propjament f'Chambray u tkellimna ħafna fuq il-proġett.

**1. Il-familja tiegħek hi ħafna rispettata fir-raħal tagħna. X'inhi r-relazzjoni tiegħek man-nies ta' Għajnsielem?**

M'Għajnsielem għandna 'amor propio' jiġifieri n-nies jirrispettawna u aħna nirrispettawhom ħafna. Bosta nies minn Għajnsielem huma klijenti tagħna. Hafna ġew fejnna, u fejn stajna ngħinu aħna dejjem għennihom. Anke bħala istituzzjonijiet. Hemm rabta mal-Knisja. Is-settur tan-negozju u l-ħwienet li hawn Għajnsielem kienu klijenti regolari tagħna, allura hemm ħafna rispett reċiproku. Minhekk barra l-fatt li aħna konna importaturi u ħafna minn Għajnsielem kienu jaħdmu fuq id-dgħajjes, sirna nafuhom sewwa fuq bażi individwali. Minn żmien l-antik konna ngħixu x-xatt. Konna ninżlu hawn fl-10:30, il-11:00 ta' filgħodu biex iħottu d-dgħajjes u ngħabbu l-materjal fuq it-trakkijiet tagħna. Ir-rapport m'Għajnsielem, max-xatt u ma' dawn l-inħawi, huwa rapport antik. Nafu l-individwi, nafu lill-poplu. Maż-żmien bnejna relazzjoni sabiħa man-nies t'Għajnsielem. Filfatt jiena sibt ħafna għajnuna fuq dan il-proġett, minn nies t'Għajnsielem u apprezzajt ħafna l-informazzjoni li ngħatajt. Hawn nies li jiġu hawn jirrakkontawlek l-istejjer ta' x' kien jiġri hawn f'Chambray, li hija storja sabiħa ħafna.



**2. Għandek pjanijiet li xi darba tiġi tgħix f'Għajnsielem?**

Hemm il-possibilta', għax jien dan il-post jogħġobni, llum innamrajt miegħu. Qed nagħmlu proġett mill-isbaħ li mhux biss jagħti prestiġju lilna li nvestejna fih, iżda jagħti prestiġju wkoll lir-raħal sabiħ t'Għajnsielem.

**3. Kif beda l-involviment tagħkom f'Chambray?**

Qabel ma beda l-involviment tagħna il-proġett kien diġà għaddej minn investituri oħra. Qabilna kien hemm ħafna kaptana u l-proġett ma setax jitwassal sat-tmiem tiegħu. Il-proġett kien wieqaf! Jiena sirt naf li kien hemm interess minn naħa tal-investituri lokali li riedu jbiegħu u hemmhekk jiena bdejt nitkellem u nara kif wieħed jista' jagħmel sabiex jekk ikun possibli, nixtru dan il-proġett. Naturalment ridt nara l-pożizzjoni ta' kulħadd x'inhi. Ridt nara x'jiswa. Kont lest li ninnegozja b'kondizzjoni waħda. Biex nixtri, irid joħrog kulħadd! Jiena qed nitkellem f'isem il-familja Caruana - jiena u ż-żewġ ħuti l-oħra. L-unika ħaġa u l-akbar problema li kellna kienet li aħna writna proġett li kellu passat kontroversjali ħafna li sfortunatament ma kienx jagħmel ġid għall-istess proġett.

Meta bdejna ninnegozjaw mal-gvern, li kien il-propjetarju t'hawnhekk, aħna ridna naslu f'arranġament differenti minn dak li kien hemm qabel. Fosthom kien hemm, iċ-ċens sal-2090, kienet klawsola li aħna ma stajniex naċċettaw. Sar negozjati mall-gvern u l-gvern aċċetta li fejn jidħlu l-propjetajiet residenzjali u l-lukanda, iċ-ċens nkunu nistgħu nifduh, allura jiġi 'full ownership' tal-individwu li qed jixtri. Min qed jixtri llum m'għandux ċens. L-unika ċens li hemm hu fuq l-postijiet li huma storiċi, l-barracks tal-kavallieri, il-polverista, il-bakery u s-swar. Dawk huma strutturi storiċi u hemmhekk mal-gvern, irrangajna li dawk il-postijiet jibqgħu biċ-ċens u propjetà tal-gvern, Però nistgħu nużawhom aħna sal-2090. Għamilna distinzjoni bejn dak li huwa storiku, li aħna rridu nippreservawh bħala nazzjon, u l-propjetajiet residenżjali u l-lukanda.

**4. Kemm nbidlet ħajtek wara li dħalt għall-isfida li tieħu ħsieb dan il-proġett tant kbir u tant ikkomplikat?**

Hajti nbidlet ħafna. Nista' ngħid, jien qatt ma kelli f'moħħi li nidħol għal proġett ta' dan il-kalibru. Nammetti li meta dħalt għalih ma kontx qed nara d-dimensjoni kbira li fih. Effettivament meta tidħol fih, id-dimensjoni tiegħu hija tant kbira u tant komplikata li jekk trid tagħmel biċċa xogħol tajba, trid tidħol fid-dettalji biex isserraħ moħħok li kollox qed jsir kif suppost.

**5. Dan ix-xogħol irriżulta aktar iebes milli stennejtu?**

Iva. L-ewwel impressjoni kienet "*u iwa, dan proġett ta' sentejn jew tlett snin u jgħaddi kollox*". Ma rrealizzajniex il-kobor ta' dan il-post. Minħabba raġunijiet finanzjarji ma stajniex nagħmluh f'daqqa għalhekk kellna naqsmuh fi tlett fażijiet. Għamilna l-ewwel Fażi. X'ħin lestejniha, bdejna nbiegħu u bl-investiment li beda dieħel morna għat-tieni Fażi. Bdejna nbiegħu mit-tieni Fażi, u issa jekk Alla jrid immorru għat-tielet Fażi. Dak hu l-mod ta' kif imxejna għaliex aħna finanzjarjament ridna naraw li nkunu qegħdin sewwa.

**6. X'inhu l-aktar frustranti, tiġri wara l-kuntratturi biex jintlaħqu l-iskadenzi jew tfittex xerrejja potenzjali għall-proprjetajiet?**

L-aktar frustranti l-ħaddiema, il-kuntratturi. U l-isfortuna f'Għawdex, it-'time frames' ma jeżistu għal ħadd u dik hija l-akbar problema għaliex ix-xerrejja ssibhom. Jekk inti tagħtihom prodott, jiġu u jixtru. Però la darba il-barranin iġġibhom hawn u tikkommetti ruħek li f'ċertu żmien jitlesta, u minħabba fil-ħaddiema ma jitlestiex, meta jiġu lura, ma tantx jieħdu pjaċir, għax inti ma tkunx żammejt kelmtek. Din hija kultura żbaljata. Żgur li fit-tielet Fażi se naħdmu differenti milli ħdimna s'issa. It-tielet Fażi trid tinħadem bil-kuntratturi u dawn iridu jidħlu b'responsabilita` biex jagħmluh fil-ħin u bil-multi. Jekk Għawdex ma hawnx min hu kapaċi jaħdem hekk, ikollna naraw minn fejn se nġibuhom.



**7. Kemm-il unit għandkom lesti?**

S'issa lestejna 65 unit fl-ewwel Fażi, 85 unit fit-tieni Fażi u mbagħad it-tielet Fażi se jkun hemm bejn 160 u 170 unit.

**8. X' perċentwali tal-proprjetajiet ġew mibjugħa s'issa?**

Fl-ewwel Fażi hemm mibjugħa qisu xi 70% u xi 25% mit-tieni Fażi.

**9. Dan il-perċentwali huwa skond l-aspettattivi inizjali tiegħek?**

Bħala investiment qed jattira nies ta' ċertu prominenza. Aħna qagħdna attenti li l-prezzijiet invarjawhom. Ridna nibdew minn prezzijiet li anke l-Maltin ikunu jilħquhom. Nemmnu li l-prezzijiet li ħrigna bihom huma raġonevoli meta wieħed iqabbilhom mal-proġetti kollha li hawn ġo Malta u Għawdex. Però ridna naraw li jkollna xelta sħiħa ta' prezzijiet biex wieħed ikollu mnejn jagħżel, u skont is-saħħa finanzjarja tiegħu ikun jista' jinvesti hawnhekk.

**10. X'kien l-impatt tar-riċessjoni fuq il-bejgħ?**

Affetwatna minn ċertu swieq. L-akbar daqqa li ħa s-suq tal-propjeta` kien mill-Ingilterra. Minn naħa l-oħra infetħu swieq ġodda. Hija kwistjoni ta' kemm int kapaci tikkumerċjalizza u tattira swieq ġodda. Jiena kuntent ħafna. Għandna żewġt iswieq li ma tantx jissemmew. L-aktar li xtraw huma mill-Iżvezja u mill-Afrika t'Isfel. Aħna kburin ħafna li naraw dawn in-nies jiġu jinvestu hawn. Dawn in-nies iħossuhom 'safe' hawn. Għan-nies tal-Afrika t'Isfel, il-problema hija l-kriminalita` li hemm f'pajjiżhom. Meta jiġu hawn u jaraw pajjiż bħal Għawdex, tant sabiħ, kultura li tmur lura 7000 sena, se jixtru parti minn fortizza storika ta' żmien il-kavallieri... Jiġu hawn jaraw iċ-ċwievet fil-bibien, għalihom hija ħaġa li tiġbidhom. Jgħidulek *"għada pitgħada għad niġu nirtiraw hawn"*. Meta jaraw li hawn din il-kumdita` u post sabiħ, għalihom hija xi ħaġa rreżistibli. Ma jsibu l-ebda diffikulta li jinvestu hawnhekk.

**11. Kif huwa rreklamat dan il-proġett fis-suq lokali u dak internazzjonali?**

Bażikament aħna s'issa dejjem użajna l-aġenti tal-propjeta`. Nagħtu l-opportunita lill-aġenti kollha. Ħallejna lil kulħadd jista' jbiegħ. Però hemm 'estate agents' li qegħdin iffukati u jispeċċjalizzaw fi swieq bħalma huma l-Afrika t'Isfel, l-Iżvezja u swieq ġodda oħra. Naħseb li dawn qed jirnexxilhom u qed iġibu r-riżultati.

**12. It-Tieni Fażi kważi lesta. X'hemm ippjanat għat-Tielet Fażi?**

Hija l-aktar waħda impenjattiva għaliex hemm għandna l-lukanda. Aħna nemmnu li lukanda ġewwa Chambray għandha tkun 'boutique hotel', fis-sens li jkolla minn 80 sa 100 kamra u ta' livell għoli ferm, u li se tiġi maġenb il-barracks tal-kavallieri.

Irridu naraw li l-faċilitajiet li se jkollha l-lukanda jkunu ta' ċertu livell u hawnhekk il-lukanda mhux biss se taħdem għall-barranin u t-turisti, imma taħdem ukoll għar-residenti. Dak kollu li nistgħu nagħmlu fil-lukanda (spa, gym, etc.) kollu jista' jintuża mir-residenti ta' Chambray. Din ġiet sitwazzjoni li jirbaħ kulħadd; l-investitur, il-management tal-lukanda u anke r-residenti. Ir-residenti hawn se jsibuha faċli li ftit metri 'l bogħod mid-dar għandhom indoor pool, spa, gym etc. Din hija l-idea ta' integrazzjoni bejn il-lukanda u r-residenti ta' Chambray.

**13. Kif hi mibnija fuq ġewwa il-Barracks tal-Kavallieri żgur tagħmilha waħda mill-istrutturi l-aktar impressjonanti f'Għawdex. X'inhuma l-pjanijiet tiegħek għal din il-binja?**

Il-Barracks huma l-ġawhra ta' hawn, li tagħmel lil Chambray Chambray allura rridu nagħtuhom

l-importanza tagħhom u irridu noqogħdu attenti kif jiġu utillizzati. L-ewwelnett hemm l-impenn u l-obligu li għandna mal-gvern u t-tieni hemm il-fatt li din hija binja storika li rridu nippreservawha bl-isbaħ u l-aħjar mod possibbli. L-isfortuna hija li l-art oriġinali tagħha m'għadhiex hemm. Fi żmien l-Inglizi (qaluli nies minn Għajnsielem) kienu qalgħu ċ-ċangatura biex jagħmlu l-madum. Aħna qabbadna espert biex jagħmlilna rapport kif wieħed jagħmel ir-restawr tagħha u kif se nutillizawha bl-aħjar mod possibbli. L-idea għandha tkun li jkun hemm żona kummerċjali vicin tal-lukanda biex jekk jista' jkun l-aspett kummerċjali jkun kollu flimkien. Ġewwa l-barracks tal-kavallieri qed naraw 'fine dinning restaurants', faċilitajiet ta' konferenzi u 'designer boutiques' li jkunu ta' kalibru. Għar-restawr ta' din il-binja ser nagħmlu minn kollox biex l-istorja ta' Chambray npoġġuha fuq il-livell li jixraqilha.

**14. Tħoss pressjoni mil-fatt li inti ġejt afdat f'idejk biċċa mill-istorja ta' pajjiżna?**

Chambray huwa xi ħaġa li rridu nibżgħu għaliha u li rridu niżviluppawha b'maturita` kbira jiġifieri mhux kemm se niżviluppaw imma kif se niżviluppaw. Wieħed irid joqgħod ħafna attent kif l-element storiku jżżewqu mal-ħajja moderna. L-aktar ħaġa diffiċli li sibna u li ridna naħdmu ħafna fuqha kienet illi għandna l-element storiku li rridu nippreservawh għax nemmnu li għandna nipreservawh. Mhux kwistjoni kemm se nbiegħu. Li tbiegħ huwa sabiħ. In-negozzju huwa parti mill-kumpless kollu. Pero nemmen li l-aktar ħaġa importanti hi li aħna rridu nħallu monument warajna; l-element storiku ta' Chambray huwa element uniku. Ngħid għalija, l-istorja taffaxxinani hawnhekk, kull angolu fih il-valur tiegħu.

**15. X'ser ikunu l-prezzijiet għall-propjetajiet tat-tielet Fażi?**

Aħna bdejna mill-€175,000 biex inżommu prezzijiet li jista' jilħaqhom anke l-investitur lokali. Naħseb li l-prezzijiet jogħlew xi ftit. Nemmen li la darba li l-proġett kollu jkun lest il-prezzijiet hawnhekk jisplodu.

**16. Jissemma' li ser jkun hemm pjazza prinċipali u ġonna tal-Mediterran. Tista' tiddiskrivi dawn kif u fejn ser ikunu?**

Nixtiequ nagħtu ħafna kulur. F'Chambray s'issa jidher ħafna ġebel. Jekk tħares lejh minn Nadur, tgħid *"Marelli hemmhekk kif inhu? Kollu ġebel! Kollox ġo xulxin! Kollu ffullatt!"* Meta wieħed jiġi hawn jirrealizza li mhux hekk! L-isfortuna hi li ħafna nies minn barra ma jafux hawn ġew kif inhu. Aħna nemmnu fil-'landscaping'. Jekk wieħed idur fl-ewwel Fażi, wieħed jinduna kemm ħdimna fuq il-'landscaping'. Għandu jkun hawn ħafna siġar. F'kull post li nsib jiena nħawwel u nkabbar is-sigar. Iffissajt fuq hekk! Użajna ħafna tipi ta' siġar li jifilħu għar-riħ. Użajna ħafna palm. Il-palma hija siġra sabiħa li tikber u l-għeruq tagħha ma jagħmlux ħsara.

**17. Meta tistenna li tibda l-ħidma fuq it-Tielet Fażi?**

Mal-MEPA ftit fadal biex jiddeċiedu fuq it-tielet Fażi. Qed nissopponi li sal-aħħar ta' din is-sena jkun hemm id-deċiżjonijiet. Mhux biss mill-outline imma anke mill-pjanti finali. Kif ikun hemm id-deċiżjonijiet fil-pjanti finali aħna nibdew il-proġett. Sadanittant, it-tieni Fażi daqt tkun lesta. Kif inlestu hemm, nibdew ir-restawr tal-entratura l-antika. Se tiġi sabiħa ħafna.



Wara nibdew ir-restawr anke fuq il-barracks tal-kavallieri. Nittamaw li sal-aħħar tas-sena inkunu lesti minn dak ix-xogħol ħalli mbagħad inkunu nistgħu nibdew it-tielet Fażi.

**18. X'inhuma l-pjanijiet għall-polverista u dik iż-żona ta' madwarha?**

Il-polverista hija unika, hija monument ieħor t'Għawdex, mhux ta' Chambray biss. Naturalment lil Chambray tagħtih il-valur bħalma Chambray jagħti valur lil Għajnsielem. L-aktar ħaġa importanti hija li nippreservawha u naraw li l-konsenturi li hemm jitwaqqfu u jintrabat il-blat. Dak qed jitkellmu fuqu l-periti teknici u jaraw x'inhu l-aħjar metodu. Wieħed issa jrid ikompli kif il-MEPA tagħtina l-permess fuq it-tielet Fażi mbagħad jibdew is-'soundings' tal-blat. Irridu naraw x'hemm u m'hemmx biex aħna norbtu l-polverista sħiħa. Sar ukoll studju ġeoloġiku apposta biex naraw x'hemm ġol-blat. Hemm ukoll x-rays li ttieħdu mis-satellita li swewlna ħafna flus biex isir studju tal-blat u tal-istruttura u jekk hemmx flieli fil-blat. Irridu ngħamlu 'samplings' tal-blat biex naraw x'tip ta' blat hemm. Qed nikkalkulaw li biex norbtuha

hemm il-fuq minn żewġ miljun ewro investiment. Il-polverista għandha tiġi restawrata u wżata. Jekk ikollok post bħal dak u ma jintużax, ħażin. Jekk ħa jieħu ħsiebha kulħadd, dik tispiċċa li ma jieħu ħsiebha ħadd. Jiena nemmen li hemm tista' tkun 'champagne bar' jew xi ħaġa speċjali u partikulari, fejn bniedem imur hemm, u jgħid "*jiena se ngħaddi sagħtejn hemm*" Lussu! Ġenna tal-art! Hemmhekk xi ħaġa hekk trid issir!

**19. L-akbar assi tal-proġett huma l-veduti li jħalluk bla nifs. X'tip ta' kummenti jkollok minn xerrejja prospettivi fuq dawn il-veduti?**

Kelma waħda, jiġġennu! Il-barranin jimpressjonaw ruħhom li hawn dan il-post li ħadd ma jaf bih u b'din il-meravilja madwaru. U mhux biss il-veduta minn naħa tal-fliegu. Għandek il-veduti tax-Xatt l-Aħmar – bellezza! Jiġġennu dawn! Il-barranin jitgħaxqu x'ħin jaraw il-knejjes tagħna. Hawn naturalment l-ewwel Għajnsielem li jolqothom. Min jixtri jgħidlek "*jien ma rridx fuq il-pool, jiena rrid nara l-knisja t'Għajnsielem. Dik li x'ħin inqum hija meravilja, struttura arkitettonika mill-isbaħ! Jien dik irrid nara.*" Dak li għalina mhu xejn, għall-barranin jista' jkun ħafna u dan tgħallimtu bl-esperjenza, għax meta tismagħhom jikkummentaw, jibdew jitħaddtu bħat-tfal. Litteralment. Jiġġennu.

**20. Xi tgħid li hija l-ħaġa li l-iżjed li tħajjar lil dak li jkun li jixtri, l-veduti jew il-fatt li tkun qed tixtri biċċa mill-istorja?**

Naħseb li l-aktar hija l-istorja - naturalment komplimentata bil-veduta. L-istorja, għaliex illum ma tixtrix l-istorja! L-ebda gvern ma jċedi l-istorja llum il-ġurnata. Però hawn mhux lili nbiegħ. Qed nipprova niġbor u nsalva li nista', u naħseb li vera qed nagħmel l-affarijiet bis-serjeta`. Aħna rridu nagħmlu proġett li jagħmel sens. Proġett li jissalvagwardja l-istorja, jissalvagwardja l-interessi tal-pajjiż, u naturalment l-aspett kummerċjali tiegħu rridu narawh ukoll għax bil-flus trid tagħmilhom dawn l-affarijiet. L-ispejjes tar-restawr huma ħafna kbar, Però ma niddejjaqx għax dak hu li se nħallu lil ta' warajna.

**21. Fuq in-naħa tax-Xatt l-Aħmar il-Kavallieri ħasbu għal 'Sally Port' b'taraġ li jwassal għal dan il-ħruġ min ġewwa l-Fortizza. Hemm ħsieb li dan jitnaddaf u jitranġa biex jkun jista jintuża bħala ħruġ alternattiv għan-naħa tax-Xatt l-Aħmar?**

Iva! Naturalment se jkun 'monitored exit' għax ma tistax tħallih waħdu. Però aħna se nużawh żgur. Jekk inti tara fuq in-naħħa tax-xatt hemm sally port, skoprejtu jien waqt li konna qed naħdmu, naddafniha, u ġiet sabiħa ħafna. Tinżel minn fuq minn fejn kien waqa' is-sur. Sfortunatament ingħalqet biċċa minnha. Issa l-biċċa li baqa' tinżel minna u tiġi fuq is-sur li nbena mill-ġdid.

**22. Hemm xi pjanijiet sabiex it-triq li tinsab ħdejn l-fortifikazzjoni fuq in-naħa tax-Xatt l-Aħmar titranġa?**

Għandu jkun hemm diskussjonijiet mal-gvern biex ikun hemm aċċess sew, mhux biss għan-nies tagħna imma anke għan-nies t'Għajnsielem. Issa aħna parti integrali mill-kommunita` t'Għajnsielem. Nixtieq li jkun hemm passaġġ jew triq tajba li tkun faċli għan-nies sabiex jinżlu għax-Xatt l-Aħmar.



**23. Meta taħseb li tkunu tistgħu tibdew ir-restawr tal-fortifikazzjonijiet?**

Il-polverista trid tigi restawrata qabel it-tielet Fażi. Ma tistax tibni imbagħad torbot. Hemm irridu nqattgħu l-blat u ninżlu ftit l-isfel imbagħad nagħmlu 'vertical piling' u 'horizontal piling'. Biex il-polverista u s-swar norbtuhom ma' ġewwa. L-bqija tas-swar m'hemmx ħsarat kbar u ser nagħmluhom wara.

**24. Meta dan il-proġett jitlesta se jinħolqu impjiegi?**

Chambray għandu jkun il-pulmun ekonomiku t'Għawdex jiġifieri l-mod kif aħna qed niżviluppawh, rridu li jkollu impatt kbir fuq il-ħajja ekonomika u soċjali t'Għawdex u nemmnu fih għax illum diġà qed naraw in-nies li qed jiġu jinvestu ġo dan il-kumpless, nies tat-tajjeb, nies rispettati ħafna fis-soċjetajiet u fid-dinja fejn jgħixu huma. Meta jkollok proġett bħal dan li jkun ta' ċertu kalibru u b'investiment dieħel minn barra, allura lill-pajjiż jgħinu ħafna.

Dan il-proġett żgur li se jagħmel ħafna ġid għall-kommunita` t'Għajnsielem, għax hawn se jinħolqu impjiegi u dak jagħmel ħafna ġid għal-lokalita`. Biss biss trid ħafna nies għall-lukanda. Nikkonsidra li mill-inqas ikun hawn mall-mitejn impjieg. L-aktar li jistgħu jgawdu minnhom huma n-nies t'Għajnsielem. Jekk għandi nagħżel, se nagħżel l-aktar nies fil-qrib. Ma jien se niddiskrimina ma' ħadd imma rrid inkun ġust man-nies t'Għajnsielem, hekk jixraq!

**25. Liema partijiet tal-Forti se jkunu aċċessibbli għal min mhux residenti?**

Ma rridux nagħlqu l-aċċessibilita` għan-nies. Però minn naħa l-oħra rridu noqogħdu attenti li ż-żoni residenzjali nagħtuhom lir-residenti. Ma nistgħux inħallu lil kulħadd jiġi jagħmel 'picnic' hawn barra u jkollna storbju. Sakemm in-nies jiġu hawn ġew, jippassiġġaw u ma jdejqu lil ħadd, mhux se tkun problema.

**26. Tixtieq li Forti Chambray eventwalment issir attrazzjoni turistika?**

Minnu nnifsu Chambray diġà attrazzjoni turistika. Hemm affarijiet li se jiġu restawrati u se jintużaw. Għalhekk għidtlek li jrid ikun il-pulmun ekonomiku t'Għawdex. Apparti li huma binjiet storiċi, l-polverista hija sabiħa u l-bakery u l-barracks tal-kavallieri dawn huma kollha sbieħ. L-isfortuna hija li ta' qabli kissru dawk il-lapidi kollha. Nixtieq insib post fejn dawn il-lapidi niġborhom kollha. Nagħmel kamra kbira fejn nagħmilhom hemm u nagħmel xemgħa kbira fin-nofs li tixgħel il-ħin kollu. Tkun kamra ta' riflessjoni. Trid toqgħod attent li ma tagħmilhomx mar-residenti għax ikun hawn min jiddejjaq, però hija parti mill-istorja ta' Chambray. Dik xi ħaġa oħra li tista' tkun attrazzjoni kbira għat-turisti, speċjalment dawk mir-Renju Unit.

**27. Politikanti spiss jitkellmu dwar it-tkabbir sostenibbli. Minn hu fin-negozju jaf kemm ikun 'kwiet' Għawdex fix-xitwa u jixtieq li ssir xi ħaġa. X'taħseb dwar dan?**

Irridu nsibu bilanċ. Naraw xi żvilupp għandu bżonn il-pajjiż u m'hemmx għalfejn naqbżu dak l-ammont. Irridu nqisu dak li jrid isir fil-konfront tas-soċjeta` tagħna. Jekk qegħdin tletin elf ruħ m'għandniex għalfejn naħsbu li qisna qegħdin Singapore. Irridu nibżgħu għall-pajjiz. Ċerti proġetti jridu jsiru bilgħaqal, ma jridx ikun żvilupp li jagħmel ħsara l'ambjent sabiħ li għandna. Minn naħa l-oħra, Għawdex m'għandux bżonn il-kwantitajiet ta' turisti. Għandna mmorru għat-turist it-tajjeb, dak li jġib il-flus. Immorru għat-turist li jagħmel sens, turist li verament jixraqlu Għawdex. Il-kwantitajiet ipoġġu stress fuq l-infrastruttura tagħna. Biex inġibu dak it-turist hemm xi affarijiet li jridu jsiru. L-infrastruttura tal-pajjiż trid titranġa. Għall-grazzja t'Alla bdejna. Il-pajjiż irridu nżommuh nadif u jinżamm fi stat tajjeb. Ladarba nieħdu ħsieb dawn, imbagħad nibdew nattiraw it-turisti li hemm bżonn. Però rridu nagħtuhom servizz tajjeb. Jekk tippretendi li jiġi turist sinjur u trid li jonfoq, trid tagħtih is-servizz. Għawdex nistgħu nagħmluha. Għawdex huwa żgħir m'għandniex affarijiet kbar. Pero jekk nużaw is-sens, nistgħu nagħmlu ħafna aħjar. L-importanti hu li nkunu nafu fejn irridu naslu. Jekk nafu d-destinazzjoni, mela ejja nippreparaw it-triq biex naslu hemm. U jekk kulħadd jagħmel il-parti tiegħu, privat, gvern, kulħadd, allura naslu fejn għandna naslu u jkollna l-aħjar prodott.

*Kellhom raġun il-kavallieri li riedu jibnu belt ġdida hawnhekk ġewwa Chambray. Bl-istess mod kif f'Malta kien hemm l-Imdina u bnew il-belt il-ġdida Valletta, l-istess riedu jagħmlu Għawdex fejn kien hawn iċ-Ċittadella, li kienet il-belt l-antika, huma riedu belt ġdida ġewwa Għajnsielem. Ir-raġuni kient strateġika, biex ikollhom il-belt li tipproteġi l-port u l-fliegu. Kienet tagħmel ħafna sens għalihom. Għalhekk riedu jibnu din il-belt. Sfortunatament il-kavallieri bdew tard jibnu lil Chambray...*